MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1330/1995/1

**George Portanier ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Portanier Brothers Limited**

**Vs**

**Charles Bezzina;**
**U b' digriet tat-30 ta' Mejju 1998 giet imsejha fil-kawza Phyllis mart Charles Bezzina**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi bi skrittura datata 25 ta' Settembru, 1992, id-ditta attrici dahlet fi ftehim mal-konvenut, li ddikjara ruhu proprjetarju ta' l-istabiliment maghruf bl-isem ta' "Harmony Cafeteria" fil-Qawra, li in forza taghha l-istess ditta attrici

ghaddiet Lm2100 lill-imsemmi konvenut, u dan intrabat li fl-istabiliment tieghu jbiegh minerali u ilma tad-ditta attrici u mhux ta' ditti ohra, u dan ghall-perjodu ta' hames snin, kollox kif jidher ahjar fil-kopja ta' l-iskrittura (Dok. A) annessa ma' l-att tac-citazzjoni;

Premess illi l-imsemmi konvenut kiser l-obbligu li hu assuma bl-imsemmi skrittura u ghalhekk irid jirrifondi lid-ditta attrici s-somma ta' Lm2100;

Premess illi l-konvenut interpellat ufficcjalment biex ihallas din is-somma baqa' inadempjenti;

Talab ghar-ragunijiet premessi l-attur *nomine*, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut kiser il-kondizzjonijiet fuqu imposti bl-iskrittura tal-25 ta' Settembru, 1992;

2. Tiddikjara li, konsegwentement, il-konvenut ghandu jirrifondi lid-ditta attrici l-imsemmija somma ta' Lm2100 (elfejn u mitt lira Maltin);

3. Tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta' Lm2100;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji ta' l-14 ta' Ottubru, 1994, u tad-9 ta' Mejju, 1995, u ta' l-Ittra Ufficcjali ta' l-4 ta' Lulju, 1995, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija Ittra Ufficcjali, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Preliminarjament il-gudizzju mhux integru;

2. Fit-tieni lok irrita u inadmissibbli stante illi l-attur qieghed jibbaza ruhu fuq ftehim illegali u kontra l- “public policy” peress illi l-ftehim huwa ftehim pubbliku;

3. Fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal premess illi l-pretensjonijiet ta’ l-attur *nomine* huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut ma kiser ebda kundizzjoni ta’ l-imsemmi ftehim;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tad-29 ta’ Mejju 1998 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-provi;

Rat l-affividatsipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda;

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Jinhass opportun f’ kazijiet ta’ din ix-xorta illi jigu ribaditi certi principji regolanti materja ta’ kuntratti jew skritturi ta’ ftehim:

I. F’ materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti [Artikolu 992(1), Kodici Civili; “**Carmelo Bajada *nomine* –vs- Fr. Saviour Cachia et *nomine***”, Appell Kummercjali, 16 ta’ Lulju 1973);

II. Hi regola li l-kuntratti jigu ezegwiti bil-bona fidi (Artikolu 993, Kodici Civili; **Vol. XXI P I p 283**);

III. Hi wkoll regola ben affermata illi kontra l-miktub mhumiex ammissibbli provi mhux miktuba (*Contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur*”);

B’ danakollu “*e` indubitato altresi che per diritto probatorio si ammette la prova testimoniale allo scopo di chiarire le oscurita`, le ambiguita` e la incertezza dell’ atto contrattuale per rendere palese quale sia stata l’ intenzione dei contraenti; poiche` in tale caso non si tratterebbe di prova orale in contraddizione od in aggunta alla prova scritta, ma si tratterebbe invece di prova testimoniale tendente a confermare il contenuto dell’ atto scritto ed a dimostrare la <u>vera intenzione</u> dei contraenti che da quell’ atto, senza il sussidio della prova testimoniale, potrebbe risultare oscura od apparire incerta o ambigua*” (**Vol. XXV P I p 150**);

Kif konswet, is-soluzzjoni tal-vertenza anke fil-kaz in ezami tiddependi fuq l-estimazzjoni tal-provi u ta’ dawk ic-cirkostanzi u interpretazzjonijiet tal-fatti bastanti biex jinducu konvinzjoni f’min hu msejjah biex jiggudika fuq l-istess fatti;

Issa fil-veduta tas-socjeta` attrici l-posizzjoni taghhom reklamanti r-radd lura tas-somma versata lill-konvenut hi bazata kemm fuq dak li jinghad fl-iskrittura ta’ ftehim, ossija *exclusivity agreement* skond Dr. Francis Portanier (fol. 49), kif ukoll fuq dawk l-atti esterjuri li jiddemostraw illi l-konvenut kiser il-patt kontrattwali billi (a) qatt ma fetah ghan-negozju l-fond bl-isem “Harmony Cafeteria”, specifikat fl-iskrittura, u (b) spacca prodotti jew minerali ta’ kompetituri ohra kuntrarjament ghal dak stipulat fl-istess skrittura ta’ ftehim datata 25 ta’ Settembru 1992 (fol. 5);

Fil-qosor, il-provi prodotti mis-socjeta` attrici kienu tendenti biex juru illi:-

(a) minn stharrig kondott irrizulta li l-konvenut mhux biss qatt ma iggestixxa l-fond “Harmony Cafeteria” talli minfloku beda jigi attivat negozju minn terzi taht l-isem “La Promessa” fejn kienu qed jinbieghu minerali ta’ ditti ohra. Ara Affidavit ta’ George Portanier (fol. 33), u dak ta’ Joseph Sciberras (fol. 37);

(b) minn spezzjoni li saret minn Joseph M. Azzopardi (fol. 35) f’ “Harmony Kiosk” sive “Charphil Bezzina”, sitwat Triq it-Trunciera, Qawra irrizulta li minnu kienu qed jinbieghu minerali ta’ produtturi ohrajn. Aktar tard dan l-istess xhud jistqarr hekk in kontro-ezami: “Jiena ma nistax nghid b’ certezza jekk hijiex tieghu jew le il-kiosk, pero` nghid li rajtu fiha kemm-il darba”. Jirrizulta li fiz-zewg okkazjonijiet li fihom kien mar fl-1996 u fl-1997 f’ dan il-kiosk sab darba mara u darb’ ohra tifla. Importanti li jigi osservat illi d-dati msemmija minn dan ix-xhud huma posterjuri ghall-intavolar tac-citazzjoni (29 ta’ Settembru 1995);

(c) Ix-xhud George Portanier (fol. 54 - fol. 58) jghid li l-addenda fil-kuntratt ta’ l-inkluzjoni tal-Kiosks saret dakinhar stess ta’ l-iffirmar tal-ftehim. Huwa jghid ukoll illi ma jafx kemm il-kiosk ghandu l-konvenut u lanqas ma jaf jekk l-ammont versat intuzax ghax-xiri tal-bank tal-friza. Jghid li darba mar fil-festa ta’ Hal Tarxien u meta acceda fil-kiosk bl-isem “Harmony” sab lil haddiehor li kien qed ibiegh prodotti ta’ Farsons;

(d) Il-precitat xhud Joseph Sciberras, Sales Manager tas-socjeta` Portanier Brothers Limited, oltre li, kif gja inghad, ikkonferma li l-hanut “Harmony Cafeteria” ma nfetahx, iddepona wkoll illi l-konvenut kien accertah li ser jiftah kiosk. Kien anke hadu jara l-bini ta’ kiosk f’Hal Luqa. Ikkonferma wkoll li l-flus avvanzati ntuzaw biex il-konvenut xtara *counter* li ddahhal fil-kiosk. Dan ix-xhud issokta jelabora illi l-konvenut kien wiehed mill-aqwa klijenti tad-ditta. Vitali hafna, imbaghad, dak mistqarr minn dan ix-xhud fejn tenna illi “jiena lis-socjeta` attrici kont informajthom bil-bidla u cjoe li minflok il-cafeteria l-konvenut kien qed jopera mill-kiosk” (fol. 65);

Il-versjoni tal-konvenut tal-fatti rigwardanti l-ftehim u l-attivita gestjonali tieghu tikkonsisti f' dan:-

(i) Minhabba problema dwar il-hrug ta' permessi huwa ma fetahx il-fond "Harmony Cafeteria"; minflok beda jopera minn kiosk sitwata fil-Promenade ta' Bugibba. Hu jghid li b' dan it-tibdil informa lis-socjeta` attrici (Ara Affidavit tieghu a fol. 44 u d-deposizzjoni a fol. 80);

(ii) Dwar il-kiosk ta' Hal Tarxien li ma kienx eskluzivament tieghu, hu ma baqax jopera minnu fil-festa ta' dan il-lokal u b' dan kien informa lill-imsemmi xhud Joseph Sciberras;

(iii) Jaccetta li biegh *Diet-Pepsi* pero` jzid jghid li dan seta' jaghmlu skond il-kuntratt peress illi d-ditta attrici ma kellhiex *Diet Like Cola*;

(iv) Huwa ikkonferma li f' Bugibba kellu biss il-kiosk surreferit u li jissemma wkoll specifikament fil-ftehim, kif jidher in coda ghall-istess skrittura (fol. 5);

(v) Bhax-xhud Joseph Sciberras jikkonferma illi hu kien jixtri kwantita` kbira ta' prodotti tas-socjeta` attrici u li fir-rigward dejjem baqa' fidil mal-patt u obbligu kontrattwali tieghu;

Mill-kumpless ta' dawn il-fatti ghandhom jitnisslu dawn il-konsiderazzjonijiet li fil-fehma tal-Qorti meta wiehed jizinhom, ragjonevolment u obbjettivament ghandhom ikollhom il-piz li jqarreb lejn il-veru intendiment tal-partijiet meta rridigew il-ftehim:-

(a) L-istat ta' fatt anterjuri ghall-iskrittura. Dan fis-sens li l-konvenut kien diga` klijent stabbilit sew mas-socjeta` attrici;

(b) Il-fatt illi l-ispacc tal-prodotti tas-socjeta` attrici ma kienx limitat ghal fond minnu precizat bl-isem "Harmony Cafeteria" fl- iskrittura;

(c) Il-fatt illi f' kull kaz ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici kienu jafu tista' tghid mill-bidunett illi l-konvenut ma kienx

qed jiggestixxi l-fond imsemmi u li fil-fatt kien qed jikkonduci l-attivitajiet tieghu mill-kiosk. Kienet is-socjeta` attrici li ssupplixxietu bit-tabelli u bil-minerali. Ix-xiri tal-prodotti ghal dan il-kiosk kien wiehed frekwenti u fuq skala kbira. Ara xhieda ta' Joseph Sciberras (fol. 64);

(d) Il-konvenut kien meqjus bhal wiehed mill-klijenti antiki u mill-aqwa xerrejja. Dejjem skond Joseph Sciberras li kien imur il-kiosk kull gimgha jew kull hmistax fuq perjodu ta' tliet snin, qatt ma sablu prodotti ohrajn. Jinghad ukoll illi l-konvenut tant kien jiehu prodotti tad-ditta attrici illi gieli ha minghand nies ohra. (Xhieda ta' Joseph Sciberras, fol. 65);

(e) Dejjem skond dan ix-xhud l-ahhar imsemmi s-socjeta` attrici kienet taf illi l-konvenut opta ghal kiosk minflok il-cafeteria, tant li dan il-fatt gie appozitament aggunt fl-iskrittura bl-inkluzjoni specifika ta' dan il-kiosk partikolari. Dippju l-kumpanija attrici kienet konxja wkoll tal-fatt illi l-fond "Harmony Cafeteria" qatt ma ppjazza ordinijiet maghha u dawn dejjem saru ghall-iskop tan-negozju u bejgh mill-kiosk;

(f) Similment ghal cafeteria, il-kiosk huwa pozizzjonat f' wiehed mill-aqwa postijiet f' Bugibba;

Fid-dawl ta' dawn il-fatti u l-konsiderazzjonijiet premessi, mehuda logikament u naturalment flimkien mat-termini ta' l-iskrittura, id-domanda tas-socjeta` attrici kif artikolata fic-citazzjoni ma tistax fil-fehma ta' din il-Qorti, tircievi favur;

Il-Qorti jidhrilha li l-intenzjoni vera tal-partijiet ma kinitx dik li l-prodotti jinbieghu minn post prefiss u dak biss. Il-veru skop wara l-ghotja tas-somma kien dak li fi kliem ix-xhud George Portanier "huwa jixtri l-prodott taghna biss" (fol. 56);

Certament illi saz-zmien qabel il-prezentata tac-citazzjoni – u huwa dan iz-zmien anterjuri li wara kollox jinteressa lill-azzjoni prezenti – il-konvenut osserva t-termini tal-ftehim. Dan independentement jekk ix-xiri tal-minerali

sarx ghal cafeteria jew ghal kiosk maghzul minflok il-cafeteria. Fl-opinjoni tal-Qorti din l-osservanza timmanifesta interpretazzjoni awtentika tal-ftehim;

Fil-gurisprudenza taghna ntqal mill-Imhallef Albert Camilleri fis-sentenza tieghu fl-ismijiet "**Onor. Edgar Cuschieri –vs- Perit Gustavo Vincenti**", Prim' Awla, Qorti Civili, 8 ta' Ottubru 1949, konfermata in sede appell fit-13 ta' Frar 1950 (**Vol. XXXIV P I p 27**) illi, "meta f' kuntatt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car, jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li hemm bzonn tigi maqtugha, allura l-Qrati jkunu obligati jinterpretaw il-konvenzjoni; u dina ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet.";

Wara li l-Qorti hasbet bir-reqqa u fit-tul fuq il-kwestjoni tista' tghid li hi tal-ferma konvinzjoni illi l-interpretazzjoni l-aktar konsistenti u attinenti ghall-volonta` tal-kontraenti hi dik li l-versament tal-flus sar biex il-konvenut, meqjus klijent magguri, jissokta jigi ndott jixtri minerali tas-socjeta` attrici, ad eskluzjoni ta' prodotti ta' kompetituri ohrajn. Il-provi juru, u dwar dan il-Qorti takkorda piz qawwi lix-xhieda tas-*sales manager*, Joseph Sciberras, illi l-konvenut ottempera ruhu ma' l-essenza tal-ftehim. In bazi ghal dawn l-istess provi l-Qorti thoss illi l-fatti jqarrbu aktar lejn il-versjoni tal-konvenut u jirrenduha ghalhekk aktar sostenibbli;

Kwantu ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, li del resto, l-istess konvenut ma jidherx li baqa' jsostni fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu (fol. 97), din hi ghal kollox bla bazi legali, attiz dak li jinghad fl-Artikolu 5 ta' l-Avviz Legali Numru 152 ta' l-1996 (kopja tieghu esebita a fol. 21 tal-process). Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi wara li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' invece t-tieni eccezzjoni u b' hekk tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez tal-kawza, salv dawk relattivi ghall-ewwel eccezzjoni, ghandu jbatihom l-attur *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------